**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 11, 49, 50, 279, 289, 334 u 579(2)(3)**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru: 917/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**HENRY GROGAN**

**Illum, 25 ta' Novembru 2015**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **HENRY GROGAN,** ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Carmel u Rita xabba Attard, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Lulju 1984, residenti Pears Mans., Block A, Flat 5, Triq Filippu Farrugia, Zurrieq u detentur tal-karta tal-Identita' Numru 328884M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Ikkommetta serq (ta' musmar tal-kostruzzjoni) liema serq huwa aggravat, bil-valur (ta' valur ta' izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)), u bix-xorta tal-haga ghad-dannu ta' Nicholas Farrugia.

2. Laqa ghandu hwejjeg misruqa, (cioe mumar tal-kostruzzjoni ta' valur ta' izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxihom.

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Josette Demicoli LL.D., f'dan li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti.

   Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Henry Grogan u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll trodna li s-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

3A. U aktar talli kiser il-kunidzzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D., f'dan li ma tikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti.

   Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Henry Grogan u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' hmistax-il elf (€15,000) ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

4. U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom stqarrija, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, dikjarazzjoni tar-rifjut, conviction sheet, kopja tal-kundizzjonijiet tal-bail mahruga mill-Magistrat Josette Demicoli u mill-allura Magistrat Miriam Hayman, mandat ta' arrest u tfittxija u okkorrenza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2015 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta' Jannar 2015.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkoopera maghha fl-istqarrija tieghu u li l-ammont ta' flus li ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta hu ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500).

Semghet lill-imputat jiddikjara li ghandu problema ta' abbuz ta' droga.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 11, 49, 50, 279, 289, 334 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat HENRY GROGAN hati tal-ewwel akkuza u tar-raba' akkuza u cioe' talli huwa recidiv u tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija effettivi. Fir-rigward tat-tieni akkuza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li din inghatat b'mod alternattiv ghall-ewwel akkuza u gja' sabitu hati taghha. Fir-rigward tat-tielet akkuza, il-Qorti tordna l-konfiska tal-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) favur il-Gvern ta' Malta, pero' stante li l-imputat huwa indigenti u m'ghandux mezzi finanzjarji tikkonverti din il-multa ghal sena**

**priguneriја effettiva addizzjonali, u dan ai termini tal-Artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-istess hin qieghda tirrevoka l-liberta' provizorja moghtija lill-imputat permezz ta' dawn iz-zewg digrieti, cioe' dak moghti mill-Magistrat Josette Demicoli moghti nhar il-25 ta' Settembru 2014 u dak moghti mill-allura Magistrat illum Imhallef Miriam Hayman fis-6 ta' April 2010.**

**In oltre, taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata ghajnuna sabiex jindirizza l-problema tieghu ta' abbuz ta' droga.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-prodediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**